



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 23 ta' Jannar 2020
(OR. en)

15247/19
PV CONS 74
ENV 1035
CLIMA 337

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Ambjent)
19 ta' Diċembru 2019

WERREJ

Pàgna

1.	Adozzjoni tal-aġenda	3
----	----------------------------	---

Attivitajiet mhux leġislattivi

2.	Il-politika tal-UE dwar l-ambjent u l-klima fil-leġislatura l-għdida.....	3
3.	Konklużjonijiet dwar it-tnejn tal-qafas globali għall-bijodiversità wara l-2020	3
	Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB)	
4.	Approvazzjoni tal-punti "A"	
a)	Lista leġislattiva	3
b)	Lista mhux leġislattiva	5

Affarijiet oħra

5.	a)	Il-Patt Ekoloġiku Ewropew	6
	b)	Rapporti dwar il-laqgħat internazzjonali reċenti ewlenin	6
	c)	Riżultati tat-tieni Forum tal-UE dwar l-Arja Nadifa (Bratislava, 28-29 ta' Novembru 2019).....	6
	d)	Kontroll tal-idoneità tal-kwalità tal-arja.....	7
	e)	Rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Aarhus mill-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali	7
	f)	Kontroll tal-idoneità tal-Leġislazzjoni tal-UE dwar l-Ilma u evalwazzjoni tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Mormi	7
	g)	Azzjoni tal-UE biex jiġu indirizzati r-riskji relatati mal-PFAS	7
	h)	Ġestjoni ta' karnivori kbar: Sfidi u Soluzzjonijiet.....	7
	i)	Azzjoni tal-UE għall-protezzjoni u għar-restawr tal-foresti tad-dinja	8
	j)	Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss	8

ANNEX -	Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill	9
---------	--	---

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dok. 14950/19.

Attivitajiet mhux leġislattivi

2. Il-politika tal-UE dwar l-ambjent u l-klima fil-leġislatura l- ġdida

 14715/19

Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar il-politika ambjentali u klimatika tal-UE fil-mandat leġislattiv il-ġdid abbażi ta' mistoqsijiet imħejjija mill-Presidenza kif jinsab fid-dokument 14715/19.

3. Konklużjonijiet dwar it-tħejjija tal-qafas globali għall- bijodiversità wara l-2020

 15067/19

Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB)

Adozzjoni

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet kif jinsabu fid-dokument 15272/19 + COR 1.

4. Approvazzjoni tal-punti "A"

- a) Lista leġislattiva (Deliberazzjoni pubblika f'konformità
mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

14956/19

Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

1. **Dazji tas-sisa**

 14915/19 + COR 1

- a) **Direttiva dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-
sisa (riformulazzjoni)**

14107/19

- b) **Regolament dwar kooperazzjoni amministrattiva
rigward il-kontenut tar-reġistri elettroniċi**

14108/19

FISC

Adozzjoni

approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-18.12.2019

Il-Kunsill adotta d-Direttiva tal-Kunsill li tistabbilixxi l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa, kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dok. 14107/19 FISC 442 ECOFIN 1003 u r-Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 389/2012 dwar kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tad-dazji tas-sisa rigward il-kontenut tar-reġistri elettroniċi, kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif jinsab fid-dok. 14108/19 (Bażi Legali: l-Artikolu 113 TFUE). Id-dikjarazzjonijiet għal dan il-punt jinsabu fl-Anness.

2. **Regolament dwar miżuri li jikkonċernaw l-implimentazzjoni u l-finanzjament tal-baġit ġenerali tal-Unjoni fl-2020 fir-rigward tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni** **SC** 15045/1/19 REV 1
12412/1/19 REV 1
Adozzjoni
approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-18.12.2019

Il-Kunsill adotta r-Regolament tal-Kunsill dwar miżuri li jikkonċernaw l-implimentazzjoni u l-finanzjament tal-baġit ġenerali tal-Unjoni fl-2020 fir-rigward tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, bid-delegazzjoni tar-Renju Unit tastjeni, kif jinsab fid-dokument 12412/1/19 REV 1 (Bażi legali: l-Artikolu 352 TFUE u l-Artikolu 203 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika). Id-dikjarazzjonijiet għal dan il-punt jinsabu fl-Anness.

3. **Assistenza makrofinanzjarja lir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan - Deċiżjoni** **IC** 13379/1/19 REV 1
Adozzjoni tal-att leġislattiv
approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-18.12.2019
PE-CONS 96/19
ECOFIN
RELEX

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, bid-delegazzjoni tar-Renju Unit tastjeni, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (Bażi legali: l-Artikolu 212(2) TFUE).

Affarijiet Barranin

4. **Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Extra-Ewropea** **SC** 15130/1/19 REV 1
Adozzjoni
approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-18.12.2019
12355/19
ACP

Il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2013/755/UE dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej mal-Unjoni Ewropea ("Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Extra-Ewropea"), bid-delegazzjoni tar-Renju Unit tastjeni, kif tinsab wara l-finalizzazzjoni mill-ġuristi-lingwisti fid-dokument 12355/19 (Bażi legali: l-Artikolu 203 TFUE).

Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

5. **Deċiżjoni dwar il-komputerizzazzjoni tal-moviment u tas-sorveljanza ta' oġġetti soġġetti għas-sisa (riformulazzjoni)**  9173/19
Adozzjoni tal-att leġislattiv
approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-18.12.2019
PE-CONS 37/19
+ COR 1 (fr)
+ REV 1 (cs)
FISC

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikolu 114(1) TFUE).

4. **b) Lista mhux leġislattiva** 14955/19

Il-Kunsill adotta l-punti "A" elenkati fid-dokument 14655/19 inkluż id-dokumenti COR u REV ippreżentati għall-adozzjoni. L-Awstrija, appoġġata mil-Lussemburgu, intervjeniet fuq il-punt 2. Dikjarazzjoni dwar il-punt 8 tinsab fl-Anness.

Għall-punti li ġejjin id-dokumenti għandhom jaqraw kif ġej:

Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

6. **Regolament dwar il-kwoti għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali**  14874/1/19 REV 1
Adozzjoni
approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-18.12.2019
14376/19
+ COR 1 (bg)
UD

Ġustizzja u Affarijiet Interni

16. **UE-Belarusja - Ftehim dwar ir-riammissjoni** 14549/19
- a) **Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar** 12144/1/19 REV 1
Adozzjoni
+ REV 2 (nl)
MIGR
- b) **Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni** 12158/1/19 REV 1
Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew
approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-18.12.2019
+ REV 2 (nl)
12160/19
20. **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tapprova r-regoli ta' proċedura tal-Eurojust** 14792/1/19 REV 1
Adozzjoni
approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-18.12.2019
14792/19 ADD 1
14614/19
+ REV 1 (pt)
COPEN

Affarijiet Barranin

25. Negożjati ta' Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika mal-pajjiżi u r-reġjuni tal-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku
Deċiżjoni tal-Kunsill
Deċiżjoni tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill
Direttivi ta' negożjati
Adozzjoni
approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-18.12.2019
- ☐ 14965/19
14899/19
+ REV 1 (el)
+ ADD 1
14900/19
+ REV 1 (el)
ACP

Affarijiet oħra

5. a) **Il-Patt Ekoloġiku Ewropew** ☐ 15051/19 + ADD 1
Informazzjoni mill-Kummissjoni
- Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni, kif ukoll l-interventi minn delegazzjonijiet oħra.
- b) **Rapporti dwar il-laqgħat internazzjonali reċenti ewlenin** ☐
- i) Il-25 laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konferenza tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima (COP 25) 15172/19
(Madrid, 2-15 ta' Diċembru 2019)
- ii) It-tielet laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju (COP 3) 15149/19
(Ġinevra, 25-29 ta' Novembru 2019)
- iii) Il-21 laqgħa tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Barċellona (COP 21) 15055/19
(Napli, 2-5 ta' Diċembru 2019)
Informazzjoni mill-Presidenza u l-Kummissjoni
- Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza u mill-Kummissjoni.
- c) **Riżultati tat-tieni Forum tal-UE dwar l-Arja Nadifa** ☐ 15080/19
(Bratislava, 28-29 ta' Novembru 2019)
Informazzjoni mid-delegazzjoni Slovakka
- Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Slovakka. Spanja indikat ir-rieda tagħha li tospita l-forum li jmiss fl-2021.

- d) **Kontroll tal-idoneità tal-kwalità tal-arja**
Informazzjoni mill-Kummissjoni

 14712/19

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni u laqa' l-intenzjoni tal-Presidenza Kroata li tadotta l-konklużjonijiet tal-Kunsill fil-Kunsill ENVI f'Marzu 2020 dwar il-kontroll tal-idoneità.

- e) **Rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Aarhus mill-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali**
Informazzjoni mill-Kummissjoni

 12983/19

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni u tal-interventi minn delegazzjonijiet oħrajn.

- f) **Kontroll tal-idoneità tal-Leġislazzjoni tal-UE dwar l-Ilma u evalwazzjoni tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Mormi**
Informazzjoni mill-Kummissjoni

 15101/19
15135/19

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni u tal-interventi minn delegazzjonijiet oħrajn.

- g) **Azzjoni tal-UE biex jiġu indirizzati r-riskji relatati mal-PFAS**
Informazzjoni mid-delegazzjoni Daniża, dik Lussemburgiża, dik Netherlandiża u dik Żvediża

 15039/19

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Daniża, dik Lussemburgiża, dik Netherlandiża u dik Żvediża kif ukoll tal-interventi minn delegazzjonijiet oħrajn u mill-Kummissjoni.

- h) **Ġestjoni ta' karnivori kbar: Sfidi u Soluzzjonijiet**
Informazzjoni mid-delegazzjoni Slovena

 15037/19

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Slovena, kif ukoll tal-interventi minn delegazzjonijiet oħrajn u mill-Kummissjoni.

i) Azzjoni tal-UE għall-protezzjoni u għar-restawr tal-foresti tad-dinja

 15059/3/19 REV 3

*Informazzjoni mid-delegazzjoni Ġermaniża, appoġġata
mid-delegazzjoni Franċiża u dik Lussemburgiża*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Ġermaniża, kif ukoll tal-interventi minn delegazzjonijiet oħrajn u mill-Kummissjoni.

j) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss

Informazzjoni mid-delegazzjoni Kroata

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Kroata bħala l-Presidenza li jmiss.

-
-  Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (l-Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)
-  Proċedura leġislattiva speċjali
-  Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni
-  L-ewwel qari
-

Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" li jinsabu fid-dokument 14956/19

Dwar il-punt "A"
nru 1:

Dazji tas-sisa

- a) **Direttiva dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa (riformulazzjoni)**
- b) **Regolament dwar kooperazzjoni amministrattiva rigward il-kontenut tar-reġistri elettroniċi**

Adozzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 32 tad-Direttiva 2008/118

"Il-Kummissjoni tfakkar fl-importanza li jiġi żgurat il-moviment liberu tal-merkanzija filwaqt li tiġi żgurata l-protezzjoni tas-saħħa pubblika. Sabiex jiġi żgurat dan il-bilanċ, huwa meħtieġ li jiġu ċċarati r-regoli u d-dispożizzjonijiet eżistenti tal-Artikolu 32.

Il-Kummissjoni l-ewwel tfakkar li skont l-Artikolu 34 TFUE, restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjonijiet huma pprojbiti bejn l-Istati Membri u, għalhekk, fil-prinċipju m'għandu jkun hemm l-ebda limitu fuq dak li persuni privati jistgħu jixtru u jieħdu magħhom meta jivvjaġġaw bejn l-Istati Membri tal-UE, sakemm il-prodotti mixtrija jkunu għal użu proprju u mhux biex jerġgħu jinbiegħu. Id-dazji tas-sisa ser ikunu inklużi fil-prezz tal-prodotti fl-Istat Membru tax-xiri u ma jista' jkun dovut l-ebda ħlas ieħor ta' taxxi fi kwalunkwe Stat Membru ieħor.

Madankollu, japplikaw regoli speċjali fil-każ ta' oġġetti soġġetti għad-dazju tas-sisa, bħax-xorb alkoħoliku u l-prodotti tat-tabakk. Jekk persuna privata tixtri prodotti bħal dawn fi Stat Membru wieħed u teħodhom fi Stat Membru ieħor, il-prinċipju li l-ebda dazju tas-sisa ma għandu jitħallas fl-Istat Membru ta' destinazzjoni japplika biss jekk il-vjaġġatur jittrasporta l-merkanzija nnifisha u l-oġġetti huma għall-użu tiegħu jew tagħha stess.

Biex jiġi ddeterminat jekk dawn il-prodotti humiex għall-użu proprju tal-vjaġġatur, l-Artikolu 32(3) jelenka għadd ta' kriterji li l-Istati Membri għandhom iqisu. "Użu proprju" jimplika li l-prodotti jinżammu għal skopijiet privati tal-vjaġġatur. Dan ma jinkludi l-ebda rigal għal persuni jew oġġetti oħra maħsuba biex jintużaw għal skopijiet kummerċjali.

Fir-rigward tal-kwantità tal-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa, l-Artikolu 32(3) jindika li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu livelli ta' gwida, bħala forma ta' evidenza dwar kif għandhom jintużaw il-prodotti. Kwantitajiet ta' oġġetti tas-sisa taħt il-livelli ta' gwida jistgħu jiġu preżunti li huma għall-użu proprju. Jekk jinqabżu l-livelli ta' gwida, Stat Membru jitqies li jkollu motivi raġonevoli biex jissuspetta li l-prodotti mhumix għal użu proprju sakemm ma jkunx hemm evidenza mod ieħor. Jekk ma jintweriex li l-oġġetti huma għall-użu proprju, id-dazju tas-sisa għandu jsir dovut fl-Istat Membru ta' konsum.

B'segwitu għall-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rapport tal-Kummissjoni dwar id-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE tal-5 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni nediet studju biex tevalwa l-applikazzjoni tal-Artikolu 32 (u l-bejgħ mill-bogħod tal-Artikolu 36) b'mod partikolari jekk daww id-dispożizzjonijiet għadhomx xierqa biex jibbilanċjaw l-għan tad-dħul pubbliku u tal-protezzjoni tas-saħħa."

Dwar il-punt "A"
nru 2:

Regolament dwar miżuri li jikkonċernaw l-implimentazzjoni u l-finanzjament tal-baġit ġenerali tal-Unjoni fl-2020 fir-rigward tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni
Adozzjoni

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-BULGARIJA, IL-KROAZJA, ĊIPRU, IR-REPUBBLIKA ĊEKA, L-ESTONJA, FRANZA, IL-GREĊJA, L-UNGERIJA, L-IRLANDA, L-ITALJA, IL-LATVJA, IL-LITWANJA, IL-LUSSEMBURGU, MALTA, IL-POLONJA, IL-PORTUGALL, IR-RUMANIJA, IS-SLOVENJA, IS-SLOVAKKJA U SPANJA

"Il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Franza, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja u Spanja jissottolinjaw li, fin-nuqqas ta' ftehim dwar il-ħruġ, l-Artikolu 4 u, b'konsegwenza ta' dan, l-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Propriji ma jibqax japplika mid-data tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE, u b'hekk iġġib fi tmiem ir-ribass tar-Renju Unit u r-ribassi fuq ir-ribass tar-Renju Unit. Dment li r-Renju Unit jikkontribwixxi għall-baġit tal-UE kif previst fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament tal-Kunsill dwar miżuri li jikkonċernaw l-implimentazzjoni u l-finanzjament tal-baġit ġenerali tal-Unjoni fl-2020 fir-rigward tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, l-Istati Membri msemija qabel jaċċettaw soluzzjoni speċifika relatata mar-ribassi fuq ir-ribass tar-Renju Unit. Dan l-arranġament Prattiku għall-baġit tal-UE għall-2020 huwa strettament kondizzjonali fuq il-kontribuzzjoni tar-Renju Unit skont dak ir-Regolament u m'għandux jikkonstitwixxi preċedent għall-QFP futur 2021-2027."

DIKJARAZZJONI MILL-KUNSILL U MILL-KUMMISSJONI

"Il-Kunsill u l-Kummissjoni jikkonfermaw li l-ħlasijiet li ser jagħmel ir-Renju Unit taħt ir-Regolament tal-Kunsill, inkluż l-ammont speċifiku msemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(3), għandhom jitqiesu bis-sħiħ għal negozjati futuri meta jiġu kkalkulati l-obbligi pendenti li jirriżultaw mis-sħubija tar-Renju Unit fl-Unjoni."

Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" li jinsabu fid-dokument 14955/19

Dwar il-punt "A"
nru 8:

**Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea tiftaħ
negozjati dwar Ftehim ta' Kooperazzjoni Doganali u Assistenza
Amministrattiva Reċiproka (CCMAA) mal-Belarussja
*Adozzjoni***

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

"Il-Kummissjoni ma tqisx li huwa meħtieġ li Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati
tindika bażi legali sostantiva."
